MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 23/2005

**Ċettina AVALLONE**

**vs**

**Antonia BORG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-12 ta' Jannar, 2005;

Illi l-esponenti silfet is-somma ta' erbat elef u ħames mitt Lira Maltija (Lm4,500) lill-intimata u dan skond kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu redatt u ppubblikat in atti tan-Nutar Carmel Gafa' datat 1 ta' April 1999;

Illi dan il-kuntratt ġie reż eżekuttiv permezz ta' ittra uffiċjali datata 11 ta' Awissu 1999 (Dok. A), ppreżentata mill-esponenti, liema ittra uffiċjali ġiet notifikata lill-intimata fil-25 ta' Awissu 1999, kopja ta' l-ittra uffiċjali u riferta relattiva hawn annessi.

Illi minkejja li ġiet interpellata biex tħallas dan l-ammont, l-intimata baqgħet inadempjenti.

Illi minn din l-ittra uffiċċjali, u ċioe' minn meta dan il-kuntratt sar eżekuttiv, għaddew aktar minn ħames snin.

Illi l-ammont hawn fuq indikat għadu dovut mill-intimata lill-esponenti.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza l-eżekuzzjoni ta' dan it-titolu eżekuttiv ai termini tal-artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan skond dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li l-intimata notifikata ma ppreżentatx risposta u lanqas deheret għar-rikors;

Rat li r-rikorrenti kkonfermat bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa' t-talbiet tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------